MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru 21/2009

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

**Marvin Pavia**

(Att ta’ Akkuza 21/2009)

Illum, 12 ta’ April 2010

**Il-Qorti:**

Rat l-Att ta’ l-Akkuza prezentat mill-Avukat Generali fit-22 ta’ Gunju 2009 li permezz tieghu huwa akkuza lil Marvin Pavia (bin Carmel u Theresa nee Saliba, imwieled fl-24 ta’ Frar 1978, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 126578M) b’assocjazzjoni ghall-bejgh jew traffikar ta’ droga f’Malta (l-ewwel kap), li ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* (it-tieni kap), u b’pussess “aggravat” (cioe` taht cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu

esklussiv tal-pussessur) tal-imsemmija raza mehuda mill-pjanta *cannabis* (it-tielet kap). Ir-reati jirrisalu ghas-sena 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta’ provi tal-akkuzat, minnu prezentata fis-16 ta’ Lulju 2009; rat il-verbal ta’ l-udjenza tad-29 ta’ Jannar 2010 mnejn jirrizulta li l-akkuzat irtira l-eccezzjonijiet minnu sollevati;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-Att ta’ Akkuza msemmi fl-udjenza tal-Hamis 8 ta’ April 2010, f’liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie bl-aktar mod solenni mwissi mill-Qorti dwar il-konsegwenzi ta’ tali ammissjoni, u nghata anke zmien biex jerga’ lura minnha;

Semghet dwar il-piena lill-Avukati Dott. Ian Farrugia u Dott. Jason Grima ghall-akkuzat u ghall-prosekuzzjoni rispettivament fl-udjenzi kemm tal-Hamis kif ukoll tal-Gimgha 9 ta’ April 2010; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom il-fatt li l-akkuzat qed jammetti l-htija tieghu (ghalkemm certament ma jistax jinghad li qed jaghmel hekk f’xi stadju bikri tal-proceduri, li nbdew fi frar tal-2004), id-drgoa in kwistjoni u l-ammont involut (raza tal-*cannabis* fl-ammont ta’ ftit aktar minn kilogramm u nofs), il-fatt li l-akkuzat ghamel dak li ghamel semplicement ghal finijiet ta’ profitt (fil-fatt ighid li bil-flus li kien idahhal huwa kien qed jaqta’ xi dejn li kellu – fol. 18) u mhux ghax huwa kien b’xi mod dipendenti fuq din id-droga jew xi droga ohra [1]. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan hu kaz klassiku fejn, li kieku l-akkuzat verament ried, seta’ ammetta snin ilu u jevita mhux biss telf ta’ zmien ghal kulhadd, inkluz ghalih innifsu, u hela ta’ risorsi, izda kien jibbenefika minn riduzzjoni aktar fil-piena. F’dana l-kaz, inoltre, it-traffikar jidher li kien mhux ta’ darba, izda kien hemm diversi okkazjonijiet fejn il-hati ghadda r-raza tal-*cannabis* lil nies li kien jaf [2]. Jirrizulta wkoll li kien hemm okkazjoni fejn l-imsemmi Pavia kien

[1] “Domanda: Inti ghandek xi vizzju tad-droga? Risposta: Jiena npejjep xi sigarett tal-blokka izda jekk irrid ma inpejjipx ghax ma jaffettwanix.” – fol. 18.
[2] Fol. 18 u 289.

anke ghamilha ta’ intermedjarju biex persuna tixtri kwantita` ta’ raza minghand persuna ohra [3].

Mill-fedina penali aggornata ezibita mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tad-9 ta’ April 2010, jidher li l-hati beda l-attivita` kriminali tieghu fis-sena 2003.

Din il-Qorti semghet ukoll lil Joseph Pace, *Managing Director* tal-*Consolidated Biscuits Co. Ltd*, li fisser li fil-ftit aktar minn sentejn li Pavia ghamel jahdem ma’ din id-ditta minn Gunju 2006, huwa kien impjegat ezemplari. Din il-Qorti ma tistax ma tammirax l-impenn sincier tal-*management* ta’ din is-socjeta` biex jaghin lill-Pavia, anke meta l-istess *management* kien pjenament konsapevoli mill-fatt li dan l-impjegat taghhom kellu kawzi pendenti relatati ma’ drogi (cioe` din il-kawza, li qed tigi deciza llum, kif ukoll kawza ohra, li giet finalment deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-20 ta’ Marzu 2009, fejn il-gudikabbli odjern gie kkundannat sena progunerija u multa ta’ €1,200). Din il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt, rizultanti minn din id-deposizzjoni, li l-hati jidher li gharaf li zbalja, u li anke pprova jaghmel minn kollox biex jerga’ jaqbad it-triq id-dritta. Il-hasra, kif inghad, hi li hu ma gharafx jitfa’ warajh il-passat tieghu aktar qabel, u dan billi jammetti aktar qabel.

Ghall-finijiet ta’ piena din il-Qorti – apparti li qed tiddikjara li dan ma hux kaz fejn il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, mitluba f’kull wiehed mit-tliet kapi tal-Att ta’ l-Akkuza, hija indikata (ara l-*proviso* (aa) tas-subaparagrafi (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101) – wara li rat dak li jipprovdi l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ezaminat diversi sentenzi ohra, sia fejn kien hemm ammissjoni u sia fejn ma kienx hemm, fosthom **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Fabian Galea u Michael Zahra** (17/2/03), **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti** (22/5/03), **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Ibrahim Elhamsi Elghoud u Ali Aibrahim Algaoud** (21/10/03), **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Antoine Debattista** (15/7/04), **Ir-Repubblika ta’ Malta v.**

---

[3] Ara fol. 20.

**Walter Joyhn Cassar** (29/3/07), **Ir-Repubblika ta' Malta v. Alex Mallia** (27/2/08), **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nazzarene Muscat** (4/4/08), **Ir-Repubblika ta' Malta v. Owen Bonnici** (4/3/09) u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Zerafa et al.** (28/1/10), hi tal-fehma li l-piena ta' prigunerija ghandha tkun ta' disa' (9) snin. Kwantu ghall-piena pekunjajrja, pero`, il-Qorti hi tal-fehma li din ghandha tkun kemm jista' jkun lejn il-minimu taghha biex, galadarba li l-hati jiskonta l-piena karcerarja, kemm jista' jkun ma jkollux xkiel aktar biex jerga' jintegra ruhhu fis-socjeta`.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 2, 8(a)(b), u 22(1)(a)(f)(2)(a)(i)(3A)(d) tal-Kap. 101, u l-Artikoli 11, 17(h) u 533 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-imsemmi Marvin Pavia ghall-piena ta' **disa' (9) snin prigunerija** u **multa ta' hamest elef ewro (€5,000)** (konvertibbli din il-multa f'sitt (6) xhur prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); il-Qorti tordna wkoll **il-konfiska** favur il-Gvern **ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra, u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-hati**, ukoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta l-hati gie akkuzat ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jinsabu f'xi post barra minn Malta; fl-ahharnett **tordna lill-hati jhallas li-Registratur l-ammont ta' mitejn sebgha w disghin ewro u ghoxrin centenzmu (€297.20) spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri**.

Il-Qorti tordna wkoll li d-droga in kwistjoni (ara l-verbal a fol. 34 tal-attijiet tal-istruttorja u r-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 56 *et seq.*) tigi distrutta mir-Registratur, u li *proces-verbal* bid-dettalji tal-process ta' distruzzjoni jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza, kemm-il darba l-Avukat Generali ma jindikax, permezz ta' nota pprezentata mhux aktar tard minn hamest ijiem mil-lum, li din din id-droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------